# 69. Li Kieku...

Li kieku kull għaxija
il-kwiekeb jistaqsuni
kif jimxu bla jitgħammxu
fit-trejqa kollha dija;

Li kieku kull rebbiegħa
l-imgħasel jistaqsuni
kif jiżfnu u jiżżegilgu
ħdej' l-ilma tan-nixxiegħa;

Li kieku kull ħarifa
l-għasafar ġemgħa ġemgħa
iridu li nsefirhom
lejn art ħelwa u nadifa;

Li kieku fl-ewwel xita
l-għekierex jistennewni
niddnilhom biex iqumu
jimirħu ġewwa l-wita;

Li kieku kull filgħodu
li jisbaħ kollu ħmura
il-bhejjem jitolbuni
fil-maqjel biex joqogħdu;

Oh! kieku nitlef rasi;
nispiċċa biex fis-sema
flok kwiekeb nagħmel ward,
fix-xitwa tkun is-sħana,
fis-sajf ikun il-bard!